# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 319/2013**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Schembri**

iben Xaverio , imwieled Siggiewi, fid-9 ta' Gunju, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 286267(M)

Illum, 16 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellant Anthony Schembri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-16 ta' Lulju 2009 ghal habta tas-2pm u hinijiet wara waqt li kien fil-fond Labattery Wharf li jinsab fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, Rahal Gdid :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Galea mill-Mellieha skont ma ccertifikat it-tabiba Dr. Moira Grech Reg Nru 2565 mill-Isptar Mater Dei.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq nuccali tal-vista u sinna liema hsara hi izjed minn 1165.69 Euros (Lm500), ghad-detriment ta' Joseph Galea mill-Mellieha.

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-paci pubbliku.

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Joseph Galea mill-Mellieha sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Galea mill-Mellieha u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 214, 216, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tmien (8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tnax-il (12) xahar mil-lum. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni personali ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Joseph Galea.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Schembri ipprezentat fit-6 ta' Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata u cioe` dik ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ġunju, 2013 fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan billi tikkonferma il-liberazzjoni mit-tieni mputazzjoni u tilliberah mill ewwel, t-tielet r-raba' u il-hames imputazzjoni skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi ġaladarba rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti l-Qorti evidentement naqset milli tieħu ġusta konjizzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemha u għaldaqstant skartat il-verżjoni tal-fatti tal-appellant esponenti meta din kienet l-uniku verżjoni bejn it-tnejn li kienet ikkorraborata bix-xhieda ta' Emmanuel Cassar u Kirsten Schembri u minflok għażlet illi temmen il-verżjoni tas-Sur Joseph Galea meta t-teżi ta' dan tal-aħħar ma ġietx ikkorraborata minn xhieda ohra u dan minkejja li l-ġlieda seħħet f'post pubbliku u allegatament kien hemm diversi nies oħra preżenti, u dan kif xehed Emmanuel Cassar fl-1 ta' Diċembru, 2010 meta mistoqsi kienx hemm nies aktar li raw il-ġlieda stqarr li "*sa fejn naf jien li kien hemm, l-uffiċjali tad-dwana minħabba il-pellet in kwistjoni, u dak il-ħin kien hemm ix xogħol nieżel minn fuq il-vapur jiġifieri probabli xuffiera tat-trakkijiet u nies oħrajn li jkun hemm għaddejin dak il-ħin*", u għalhekk huwa car illi l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova jew xhieda biżżejjed biex tikkorabora t-teżi ta' Joseph Galea.

Illi huwa ċar li l-ewwel Qorti straħet fuq ix-xhieda ta' Dr. Moira Grech u a fol 11 tas-sentenza ssir il-kunsiderazzjoni illi skont l-istess Dr. M. Grech, it-tip ta' ġrieħi li kellu Joseph Galea huma verosimili mal-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Joseph Galea. Madankollu, jidher li l-Qorti ftit tat konsiderazzjoni għal fatt li l-istess Dr. M. Grech, waqt ix-xhieda tagħha tad-9 ta' Lulju, 2010, stqarret illi l-ġrieħi li sofra Galea "*jistgħu jkunu kompatibbli ma' ħafna affarijiet, jista' jkun li waqa' wkoll*". In oltre, l-istess Dr. M. Grech, meta mistoqsija jekk il-ġrieħi li sofra f'wiċċu Galea setgħux ġew ikkawżati f'xi ġlieda preċedenti, hija rrispondiet li seta' jagħti l-każ. Dan il-fatt għandu rilevanza kbira fid-dawl tal-fatt illi l-istess Galea kien involut fi ġlieda oħra preċedenti għal dik li seħħet fis-16 ta' Lulju, 2009. L-appellant umilment iħoss li speċjament f'kuntest ta'

verżjonijiet konfliġġenti, l-ewwel qorti naqset milli tħares lejn ix-xhieda ta' Dr. M. Grech fit-totalita' tagħha.

Illi l-verżjoni ta' Joseph Galea ma kellhiex titwemmen meta ma kienetx korraborata, anke minħabba illi ġie ben pruvat illi l-istess Joseph Galea mhux talli għandu kwistjoni ta' natura ċivili mal-appellant esponent, iżda kif wera l-appellant fil-kawża ċivili bejn il-partijiet Galea kien gideb taht gurament u biddel il-verzjoni u dan kif jidher fil-relazzjoni tal-Perit Legali fil-kawza Civili bejn il-partijiet liema relazzjoni giet prezentata fil-proceduri odjerni. L-appellant jirrileva li fi proċeduri bħal dawn fejn il-Qorti trid tagħżel temminx parti jew oħra, l-kredibilita' ta' parti tilgħab irwol importanti ħafna.

L-intenzjoni qarrieqa ta' Galea giet provata wkoll stante li kif gie muri waqt il-provi, huwa mar ghand dentista li qatt ma kien mar ghandha qabel, u dan sabiex din ma tkunx tista' tghid li l-problemi fi snienu kienu ilhom fuqu sahansitra qabel l-incident. Jigi rilevat ukoll illi l-incident sehh fis 16 ta' Lulju, 2009 u dan mar ghand id-dentista l-ewwel darba fit-8 ta' Awwissu, 2009, jigifieri aktar minn tlett gimghat wara u dan juri li l-problemi li kellu ma kienux kbar u ma kienux immedjati. Fil-fatt jingħad illi dakinhar tal-inċident is-Sur Joseph Galea ġie riferut għand id-dentista tal-isptar pero' huwa qallhom li kien ser imur għand id-dentist tiegħu, pero' għal xi raġuni mar għand dentista ġdida li qatt ma kienet eżaminatu qabel. Illi minbarra l-allegat danni fi snienu, Galea allega wkoll li waqt l-inċident, l-appellant kissirlu n-nuċċali iżda hekk kif xehed George Fenech, l-istess Galea dam aktar minn sena u nofs wara l-inċident, ċioe' fit-28 ta' Frar, 2011 biex jordna nuċċali ġdid. Li kieku kien minnu li l-appellant kissirlu n-nuċċali, Galea ma kienx jistenna sena u seba' xhur biex jordna wieħed ġdid.

Illi ix-xhieda tas-Sur Emmanuel Cassar u dik ta' Kirsten Schembri tikkonferma t-teżi tal-appellant esponenti illi huwa kien jinsab jaħdem fuq it-*tail lift* u li kien huwa li fil-verita' li ġie aggredit minn wara mis-Sur Joseph Galea u mhux kif allegat minn dan tal-aħħar. Jingħad ukoll li għal kuntrarju tat-teżi tas-Sur Joseph Galea, ix-xheda tas-Sur Emmanuel Cassar titfa' dawl li kien proprju s-Sur Joseph Galea li mar ħdejn l-appellant esponenti u mhux kif allegat minn Galea stess illi baqa' 'l bogħod mill-appellant esponenti. Illi jidher li l-Onorabbli l-ewwel Qorti skartat il-verżjoni ta' Kirsten Schembri għaliex skont hi kienet pjuttost inverosimili izda jidher li l-Qorti

ma apprezzatx illi il-pellet kienet qeghda ghal wiesa u mhux ghat tul fit-trakk u li allura fil-waqt illi Kirsten ma setghax jara lil missieru huwa seta' jara minn gej minn faccata, jigiefieri Galea, u ta’ min jirrimarka li Kirsten Schembri dejjem baqa’ konsistenti fil-verżjoni tiegħu anke meta mistoqsi diversi drabi mill-prosekuzzjoni u il-parte civile.

Illi ċertament il-Prosekuzzjoni ma rnexxielìex tippreżenta provi suffiċjenti li b’xi mod jitfgħu xi forma ta’ ħtija tal-inċident fuq l-appellant u żgur li ma ġiex ippruvata l-ħtija sal-grad ta’ prova li ma jħalli ebda ombra ta’ dubbju. Jingħad illi a bażi tal-provi kollha miġjuba quddiema l-ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjonijiet li finalment wasslet għalihom u se mai l-Qorti kellha tasal għal konklużjoni li jeżisti kunflitt ta’ provi u li għalhekk ma jeżistix il-grad ta’ prova neċessarju skont il-ligi f’kuntest ta’ kawża kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-aggravji kolllha tal-appellant iduru mal-fatt tal-apprezzament tal-provi. Tirrizulta kritika kostanti ghall-interpretazzjoni tal-provi da parti tal-ewwel Qorti. Referenza qed issir ghal dak li hawn fuq miktub mill-appellant fil-korp ta' din is-sentenza.

Illi din il-Qorti fliet l-atti kollha tal-kawza. Minghajr ma ttawwal, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta hi ghazlet li temmen il-versjoni tal-parte civile. L-appellant ghamel enfazi fuq il-fatt li n-nuccjali nxtara ferm wara l-incident izda l-ewwel Qorti hadet dan il-fatt in konsiderazzjoni. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ragonevolment u legalment waslet ghall-konkluzjoni taghha fejn sabet il-htija tal-appellant.

Illi madanakollu din il-Qorti ser tipprovdi ghal temperament fil-piena minhabba t-trapass taz-zmien.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Anthony Schembri fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tehles lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.